# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023**

**Numru 1**

**Rikors Numru 613/10TA**

**Mario Micallef**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Mario Micallef (l-Attur) tas-17 ta' Gunju 2010 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrent hu *registered port-worker* u fit-2 ta' April 2008 kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjeta' intimata abbord il-vapur "M.V. Alianca" li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa.

2. Illi waqt li r-rikorrent kien qed jagħmel xogħol lilu ordnat mis-soċjeta' intimata ta' ħatt ta' *bundles* ta' injam stivat fil-bastiment imsemmi, u dan mill-bastiment imsemmi għal fuq il-moll, *bundle* tal-injam li kien qiegħed fuqha r-rikorrent ċediet.

3. Illi dan seħħ waqt li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel *slinging* tal-*wire-rope* madwar il-*bundles* tal-injam, biex dawn il-*bundles* ta' injam jinqabdu u jiġu mniżżla l-art bil-krejn appożitu, bil-konsegwenza li meta l-imsemmi *bundle* ċeda u miel, ir-rikorrent waqa' minn fuqu u nstabat fuq *bundles* oħra tal-injam.

4. Illi b'konsegwenza ta' dan ir-rikorrent ġarraf korriment serju konsistenti fi ksur taż-żewġ idejn, u dam diversi xhur ma jistax jattendi fuq il-post tax-xogħol tiegħu u b'hekk sofra *loss of wages*.

5. Illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali peress li l-inċident fuq imsemmi seħħ unikament b'tort, bi ħtija, b'negligenza u traskuraġni tagħha li, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, naqset li tosserva l-obbligu impost fuqha mil-liġi li bħala prinċipal tiżgura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema u għalhekk iżżomm *a safe working environment*.

6. Illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-inċident iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hi responsabbi għall-inċident li fih safa korrut ir-rikorrent waqt li kien qed jaħdem b'inkariku tal-istess soċjeta' intimata li seħħ fit-2 ta' April 2008 abbord il-vapur "M.V. Alianca" li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa.

2. Tilliwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata li hi nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Valletta Gateway Terminals Ltd (is-Soċjeta' konvenuta) tal-31 ta' Awwissu 2010 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawża odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, is-soċjeta' esponenti ma hijiex il-prinċipal tal-attur u qatt ma kienet, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-attur u s-soċjeta' esponenti ta' din ix-xorti, u għalhekk in kwantu l-azzjoni proposta mill-attur hija impernjata fuq il-kunċett ta' relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat, l-azzjoni ma tistax tissussisti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

4. Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt li l-attur kien abbord il-valur 'M.V. Alianca', fejn is-soċjeta' esponenti m'għandha ebda setgħat jew responsabilitajiet;

5. Illi f'kull każ, l-inċident odjern ma seħħx tort ta' xi nuqqasijiet attribwibbli lis-soċjeta' esponenti u għalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu ħamsa tar-risposta ġuramentata qed tiġi kontestata in kwantu s-soċjeta esponenti bl-ebda mod ma naqset mid-dmirijiet tagħha skond il-liġi;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ anke minħabba nuqqas da parti tal-attur li jsegwi proċeduri ta' prudenza fl-esekuzzjoni ta' xogħlu u/jew fuq il-post tax-xogħol;

7. Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi kif diretta kontra s-soċjeta' esponenti m'għandhiex tintlaqa';

8. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa mis-soċjeta' esponenti u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet għandhom jiġu miċħuda;

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi."

Rat is-Sentenza parzjali tagħha tal-14 ta' Ottubru 2019;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża;

Semgħet ix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet fil-perkors tal-Kawża;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet rispettivi;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' Fatti

**1.** L-Attur bħala port worker fit-2 ta' April 2008 kien qiegħed jaħdem abbord il-bastiment "*M.V. Alianca*" li kien sorġut f'Deep Water Quay il-Marsa. Dakinhar flimkien ma oħrajn kien qiegħed iħott xi *bundles* tal-injam. Mill-provi ma joħroġx ċar għal kollox jekk kienx qiegħed biss jaġixxi ta' *signal man* u jekk hux ukoll biex jagħmel l-islinging u jqabbad mal-ganċ tal-krejn. Il-Qorti fehmet li kien hemm mumenti meta kien qiegħed jagħmel it-tnejn.

**2.** F'mument minnhom ċediet waħda minn dawn il-*bundles* li kien fuqha peress li taħt kien hemm xi vojt. Dawn il-*bundles* jiġu stivati minn terzi oħrajn fuq il-vapur u li s-Soċjeta' konvenuta ma għandha x'taqsam xejn mal-mod kif ġew stivati. B'konsegwenza tal-waqgħa, l-Attur soffra d-danni. Għalhekk b'din il-kawża qiegħed jirriklama dawn id-danni minnu sofferti.

## Punti ta' Liġi

**3.** It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

**4.** Ġie ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta'

interess pubbliku. (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tas-sena 2000 Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta).

**5.** Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18). Huwa dmir għalhekk ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994, Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nomine tat-12 ta' Frar 1999**).

**6.** Dawn il-Qrati jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Fost dawn dmir ta ' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994 u ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla tal-31 ta' Ottubru 2013**).

**7.** Aktar minn hekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals, Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef tas-16 ta' Mejju 2019** fejn ġie osservat hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16). B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424;*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borġ vs George Wells et noe (mhix pubblikata). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu milliġi (P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino (mhix pubblikata);*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għarriskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP 30.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Richard Farruġia vs Elbros Rik. Nru 765/08TA 10 Construction Ltd).*

*B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM*

*9.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd);"*

**8.** Irid ukoll jingħad li f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb "***Occupational Health & Safety Law*" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg *"it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol:

"*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 11**).

**9.** Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa il-provi kollha f'din il-Kawża li issa ser tkun ilha pendenti għal ben tlettax-il sena. Saru ħafna eżamijiet u kontro eżamijiet ta' kif seħħ l-inċident kemm lill-Attur u anke xhieda oħra li wara tlettax-il sena huwa naturali ma kienx possibbli għalihom jiftakru fid-dettal dak li ġara. Għalhekk, apparti ix-xhieda meħuda riċentement f'din il-Kawża, il-Qorti trid tagħti ukoll piż partikolari kull stqarrija, anke jekk mhux ġuramentata, li ttieħdet *a' tempo vergine* dak in-nhar li seħħ is-sinistru industrijali mertu ta' din il-kawża.

**11.** Il-Qorti tirrileva li stqarrija *a tempo vergine* ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex tkun ingħatat spontanjament f'mument fejn il-persuna ma jkollha ebda ċans toqgħod tqis dak li jaqblilha tgħid (ara **Sentenza fl-ismijiet Andrew Ciantar -vs- Joseph Coleiro, P.A., tat-13 ta' Lulju 2001**). Din il-Qorti tkompli iżżid, li dawn ix-xorta stqarrijiet għandhom ukoll valur probatorju partikulari meta tkun qed tingħata xhieda snin wara li jkun seħħ il-fatt, għaliex kulħadd huwa suxxettibli li jinsa xi dettalji minħabba t-trapass taż-żmien.

**12.** F'dan ir-rigward jingħad li ir-rapport tas-servizzi soċjali datat 3 ta' April 2008 u ċioe' 'l għada tal-inċident intqal hekk: "*During the discharge operation of bundles of wood and loose iron bars on board the M.V Alianca berthed at the Deep Water Quay Marsa, the said registered Port Worker sustained a fracture to his left wrist and a fracture to his right elbow, <u>whilst bundles of wood were being hoisted and the said port worker plummeted on the said vessel cargo whilst he was slinging the wire rope, Bundles of wood gave way from underneath his footing</u> due to insufficient inadequate Cargo support and scaffolding"* (a' fol 44 emfażi tal-Qorti).

**13.** Fi stqarrija oħra ukoll meħuda dak iż-żmien minn Karl Flores, l-Attur għal darba oħra jiddiskrivi dak li ġara hekk:

*"Malli l-crane operator vira (refa') ftit bil-crane il-bundle tal-injam biex inkunu nistghu inqabbdu wire rope l-iehor mal-bundle, b'zieda ma' dak li kien diga' imqabbad dan il-bundle tal-injam li kont fuq jien ceda u inqaleb billi ma kienx stivat tajjeb, billi l-bazi tieghu ma kienitx imserrha sew u kien hemm il-vojta tahtha. Dan gara ukoll billi l-bundle ta' taht dak il-bundle li zzerzaq, cioe' l-bundle li kien qed iserrhu fuq l-bundle li zzerzaq, kellu l-wicc tieghu miksi bil-plastic, u ghalhekk il-bundle tal-injam ta' fuq izzerzaq facilment fuq din is-surface tizloq"* (ara a' fol 604 ara ukoll ittra ta' Mark Flores a' fol 598 li stranament hija datata 29 ta' Marzu 2008 meta l-inċident ġara fit-2 ta' April 2008). Din l-istqarrija tirrifletti l-istess ħaġa li ntqal fl-istqarrija aktar 'l fuq.

**14.** Magħdud ma' dawn l-istqarrijiet u xhieda ta' dawk il-persuni li kienu presenti għall-inċident u li xhedu f'din il-Kawża, il-Qorti temmen li dak li ġara kien, li l-Attur kien bil-wieqfa fuq il-*bundle* ta' fuq. Dak il-ħin kien qiegħed jagħmilha ta' *signal man* u li għamel sinjal lil *crane operator* biex ivira ftit biex ikunu jistgħu iqabbdu l-islings. Kien f'dak il-mument li l-*bundle* inkwistjoni żżerżaq għal vojt li kien kemm taħt, li b'konsegwenza ta' hekk l-Attur waqa' minn fuqu u weġġa'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, apparti l-provi fattwali u r-ritratti esebiti partikolari dak a' fol 599 tergo, jirrakonta preċisament dak li ġara u li kif jgħidu bl-ingliż "*it tells it all*!"

**15.** L-Attur in kontro eżami jixhed li l-*bundle* li waqa' minn fuqu kien għadu fil-wiċċ (a' fol 559 tergo K/e). Xogħolu kien biss li jagħmel sinjal lil tal-krejn u l-oħrajn jagħmlu slinging (a' fol 593 Vincent Azzopardi jikkonferma li l-Attur kien qiegħed jagħmilha ta' *signal man*). Pero' aktar 'l quddiem, l-Attur jgħid, li xogħolu kien ukoll li jwaħħal l-isling mal ganċ tal-krejn (a' fol 560 u kif ukoll tergo).

**16.** F'mument minnhom waqt il-kawża esklama "*Imma taf ghal fejn waqa'? Ghax taht kien vojt. Ghalhekk, ghax tibqghu sejrin bl-istess kantaliena ghax kont fit-tarf*" (a' fol 565 k/e dan jerġa' jikkonfermah a' fol 570 tergo). Jispjega li niżel il-*bundle* ta' taħt ta' dak li kellu l-isling, "*ta' fuqu izzerzqu jiena inzilt ukoll mieghu*" (a' fol 567). L-Attur jammetti ukoll li kien fuq il-*bundle* li ċeda meta mhux suppost kien fuqu (a' fol K/e a' fol 572 u 573).

**17.** Il-Qorti pero' tikkonsidra bħala gravi l-fatt, li qabel dan l-inċident kien hemm oħrajn bħalu u b'dana kollu, l-prattika u *modus operandi* ta' kif isir ix-xogħol, anke jekk ix-xogħol jippresenta perikolu intrinsiku, sa dak in-nhar tal-inċident mertu tal-kawża ma inbidlitx. Vincent Azzopardi, li dak in-nhar tal-inċident kien presenti, jispjega kif ix-xogħol huwa perikoluż kollu (Ara a' fol 595 tergo u 596 u xhieda ta' George Portelli). Imma bir-rispett kollu, dan ma jfissirx li ma hemm xejn x'tagħmel biex jiġu minimizzati r-riskji tal-perikolu li jġib miegħu dan ix-xogħol. Suppost anke għandu jsir *risk assessment* skont il-liġi. Jekk hemm, dan qatt ma ġie esebit.

**18.** Dan ix-xhud jgħid ukoll li "*Problema biex intellghuh imma intellghuh u* *<u>gieli jaqalna</u>*. *Allura irridu noqghodu*…" X'aktarx kien ser jghid "attenti", imma twaqqaf fin-sofs tas-sentenza b'mistoqsija oħra li kien qed jagħmel l-avukat tas-Soċjeta' konvenuta (a' fol 590 emfażi tal-Qorti). Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk qattx kien hemm inċidenti oħra bħal dan, it-tweġiba kienet fil-posittiv u anzi jgħid, li kien ikun hemm ħafna ta' dan it-tip ta' inċidenti.

**19.** George Portelli, foreman, jgħid "*Inti tibda tinduna meta jinkixef ix-xoghol. Ghax trid tiehu firxa for safety reasons"* (a' fol 614 tergo) *"once li bdew ix-xoghol dawn in-nies kollha ilhom tletin sena ix-xatt, bhali. Jafu l-andament tax-xoghol, Ma nistax noqghod, trid tghidlu ara, dawn jafu x-xoghol. Jafu x-xoghol. Allura x-xoghol jirrekjedi certu riskju fih*". Dan ix-xhud saħansitra jammetti li gieli mietu n-nies ix-xatt (a' fol 617). Mix-xhieda ta' dan il-*foreman* jemerġi mhux biss li diġa' kien hemm inċidenti oħrajn

anke mortali, iżda li s-sistema ta' kif jinħadem ix-xogħol bħal donnha tistrieħ fuq l-esperjenza tal-ħaddiema, għaliex jafu x'għandhom jagħmlu u li ma kienx hemm għalfejn min jissorveljaħom waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħol. Di fatti jirrisulta, li waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol il-foreman ma kienx hemm.

**20.** Minħabba li dan ix-xogħol jimporta sogru u perikolu kbir fuq il-lant tax-xogħol għaliex faċli jwassal għall-korriment, dan saħansitra jiġi offrut lil min ikun lest li jieħu dan is-sogru minn fost il-ħaddiema liċenzjati tal-port. Minħabba f'hekk, jitħallas rata ogħla ta' ħlas minn dik li titħallas solitament għall-istess xogħol.

**21.** F'dan il-każ kull ma għamel il-*foreman* imqabbad mis-Soċjeta' Konvenuta, qalilhom biss li x-xogħol li kellu jsir, pero' ma kienx ħdejhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol (il-*foreman* jitħallas mis-Soċjeta' konvenuta ara' fol 98 u 3). Il-*foreman* jitlaq minn fuq il-lant għaliex ikun moħħu mistrieħ li l-ħaddiema huma tal-esperjenza u jafu x'għandhom jagħmlu (ara xhieda ta' Vincent Azzopardi a' fol 334). Għalkemm irid ukoll jingħad li jirrisulta li *foreman* irid ikollu sebgħa idejn biex ikun jista' jlaħħaq ma' kollox.

**22.** Pero' ħlas aktar għal xogħol perikoluż, ma jiddispensax mill-ħtieġa tal-miżuri kollha possibbli biex kemm jista' jkun jiġu evitati inċidenti. Aktar u aktar, li magħdud mal-perikolu li jippresenta dan ix-xogħol. Il-ħaddiema ikunu jridu jlestu x-xogħol mogħti f'ħin qasir, billi ħafna drabi il-bastiment

irid ikun jitlaq malajr u għalhekk jiġu ppressati mill-*foreman* biex inlestu x-xogħol b'ċertu għaġġla (Ara a' fol 133 sa 135).

**23.** Ingħad ukoll li s-Soċjeta' konvenuta ikollha uffiċjal biex josservelja dak li jkun qiegħed isir: "*hu jkun qiesu link bejnu u bejn il-foreman li jidderigi fis-sens li kulhadd qed jaghmel dak li suppost jaghmel*". Dan huwa impjegat mis-Soċjeta' konvenuta. (ara xhieda ta' Dorren Curmi a' fol 102). Pero' mix-xhieda u provi prodotti minn imkien ma jirriżulta fejn kienet din il-persuna fil-mument jew qabel ma seħħ l-inċident.

**24.** Kwantu għal ilbies protettiv George Portelli, il-*foreman* jgħid, li l-ħaddiema kellhom il-kit tas-safety kollu "*ghaliex inkellha ma jhallikx tidhol mill-gate"* (a' fol 596). Dwar dan il-kit, il-partijiet huma paċifiċi li dawn kienu ingħatawlhom. Imma li tagħti kit u tieqaf hemm ma hux biżżejjed. L-obbligu li għandu min jagħti x-xogħol, mhux biss li jipprovdi kit iżda jmur lil hinn minn hekk.

**25.** Kif diġa' rilevat, fid-duttrina fuq imsemmija, l-obbligu huwa wieħed wisgħa u kontinwu, partikularment meta x-xogħol fin-natura tiegħu huwa perikoluż. Ma tridx tħalli f'idejn il-ħaddiema għaliex huma tal-esperjenza, għaliex kif xehed l-istess George Portelli dawn jittraduk. Għalhekk trid tkun hemm fuq il-post biex tissorvelja x'qiegħed jiġri u jekk il-ħaddiem jibqa' jinjora l-ordnijiet u direttivi ta' min qed jissorveljah ikollu jwieġeb għal għemilu, għaliex kif jiddisponi r-regolament dan għandu jimxi id f'id ma min iħaddmu.

**26.** Jidher li wara l-inċident inbidlet il-prassi tax-xogħol. *"Illum meta tiftah jigi l-health and safety inspector … jigi jiccekkja. Jiccekkja jekk ix-xoghol hux unit u jista' jinhadem. Safe".* (Ara a' fol 621 u 624). Il-prattika tal-użu tar-radju daħlet ukoll wara l-inċident (a' fol 622). Anke il-mod kif jintgħażel is-*signal man* biex jiggarantixxu li jintgħażlu dawk li huma l-aktar idoneji. Pero' mal-kit li kien u jidher li għadu jingħata ma żdied ebda ilbies protettiv ieħor. Fil-fehma tal-Qorti għal dak li jkun fuq biex jiggwida lil tal-krejn għandu ukoll jingħata xi tip ta' *harness*.

**27.** Għalkemm il-Qorti tifhem li dan ix-xogħol ma huwa xejn wieħed ordinarju u li mhux mistenni li min jagħti x-xogħol ikollu għajnejh bir-raġġi-X biex ikun jista' jara x'hemm stivat fil-qiegħ, b'dana ma jfissirx li inti ma tista' tagħmel xejn. George Portelli, *foreman*, jgħid "*Inti tibda tinduna meta jinkixef ix-xoghol. Ghax trid tiehu firxa for safety reasons"* (a' fol 614 tergo). Imma biex dan ikun jista' jsir trid tkun hemm! Persuna b'esperjenza fuq sorveljanza ta' ħaddiema waqt ix-xogħol hija imħarrġa li tara perikoli, li altrimenti ħaddiem ma fuq il-lant tax-xogħol ma jarax.

**28.** F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li ntqal mill-Attur, li kien jaf li postu ma kienx fuq il-*bundle* li żżerżaq, sal-punt li s-Soċjeta' Konvenuta targumenta li kellu tort għaliex ma messux kien hemm. Imma dan argument, li għandu mix-xabla ta' Damekoli, għaliex li kieku kien hemm sorveljanza kien ikun hemm intervent tempestiv biex jiġbed l-attenzjoni tal-Attur li postu ma kienx hemm. Ma jfissirx li din il-Qorti ma għandhiex tieħu

kont ta' dan ai fini tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili kif fil-fatt ser tagħmel, imma dan il-fatt waħdu ma jeżonerax għal kollox lis-Soċjeta konvenuta mir-responsabbilita' għall-inċident.

**29.** L-Attur messu kien jaf li postu mhux hemm, imma s-Soċjeta' konvenuta messha kellha lil min jissorvelja x'qed isir propju biex twaqqfu. Li kieku kellu jiġi argumentat mod ieħor, kieku r-regolamenti dwar il-ħarsien tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jispiċċaw jitilfu kull saħħa, għaliex min iħaddem ikun jista' jargumenta, li kull ħaddiem ta' esperjenza messu jaf x'għandu jagħmel u għalhekk ma hemmx bżonn sorveljanza.

**30.** F'dan ir-rigward il-liġi hija ċara li "*Il-<u>haddiem huwa intitolat</u> li jkollu sorveljanza tas-sahha kull tant zmien, u ghal dan il-ghan min ihaddem ghandu jizgura li l-ħaddiema jkunu provduti b'sorveljanza tas-saħħa skond il-perikli tas-saħħ a u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u għandu jagħmel l-arranġamenti kollha kif mehtieg*" (regolament 6(1) L.S. 424/18 enfażi tal-Qorti). Tant il-liġi hija adamanti fuq dan l-aspett, li dan ir-regolament mhux biss jgħid li huwa obbligu ta' min iħaddem iżda li **huwa d-dritt** tal-ħaddiem. Il-kelma li tuża hija "intitolat".

**31.** B'dana kollu il-Qorti ma tistax tinjora li l-Attur kien jaf li ma messux kien fuq il-*bundle* in kwistjoni meta l-*crane* kien fi kliemu stess qed ivira. F'dan is-sens, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili.

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*" (Emfażi tal-Qorti).

**32.** Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew *tagħti okkażjoni* għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tati okkażjoni għall-ħsara.

**33.** Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: il-ħaddiem kellu jilbes *harness* li kien disponibbli u ma libsux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (il-ħaddiem ikun ħa sogru mhux ragjonevoli meta qed iħaddem magna).

**34.** Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attur f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, u dan f'dan il-każ il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta

l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara, iżda ma tatx okkażjoni għall-inċident. Dik tal-aħħar qatt ma tista' tingħad li kienet il-kawża prossima kollha jew parti minnha tas-sinistru fih innifsu fil-konfront ta' min iħaddem.

**35.** Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, kieku l-Attur ma kienx fuq il-*bundle* inkwistjoni, kif fil-fatt ma kellux ikun, l-inċident x'aktarx kien ikun evitat. Imma ma kienx evitat mhux biss għaliex kien fejn kien, iżda għaliex ukoll kif ingħad aktar 'l fuq kieku kien hemm sorveljanza tajba seta' ukoll ġie evitat għal kollox.

**36.** Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta', din il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Joseph Galdes -vs- Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 ( Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk: "*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr regola prestabbilita' mill-ligi stess li tistabilixxi ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*."

**37.** F'dan ir-rigward huwa interessanti ukoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very*

*exceptional cases*" (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197. Ara ukoll Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

**38.** Għalhekk il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ tħoss, li r-responsabbilta għall-inċident mertu tal-kawża hija, kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) tas-Soċjeta' Konvenuta u għar-rimanenti tletin fil-mija (30%) tal-Attur. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-inċident, is-Socjeta' Konvenuta għandha twieġeb aktar mill-Attur għall-inċident mhux biss għaliex ma kienx hemm sorveljanza iżda ukoll għaliex il-prattika tax-xogħol ma kienitx tassigura *a safe system of work* apparti li fil-fehma tal-Qorti kellu jkun hemm ilbies protettiv aktar adegwat bħal *harness* għal min ikun qed jiggwida lil tal-krejn. Għalhekk imiss issa, li jiġu ikkalkolati d-danni sofferti mill-Attur.

**Likwidazzjoni tad-danni**

**39.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqies l-element ta' responsabbilita` u wara, f'każ li jirriżulta li hemm din ir-responsabbilita`, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma.

**40.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu li huma ta' żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont iddispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*."

**41.** Issa l-każ li għandha quddiemha il-Qorti huwa kemmxejn insolitu peress li l-Attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu qiegħed jirriklama bħala danni somma ċerta. Di fatti l-anqas tabib espert ma ġie maħtur minn din il-Qorti biex ikun kwantifikat il-perċentwalita' tad-debilita' permanenti.

**42.** L-Attur fin-nota ta' sottomissjonijiet jitlob hekk:

***"Danni Reklamati***

*6.13. Kif diga' ġie msemmi, b'konsegwenza tal-inċident, ir-rikorrent ġarrab korriment serju, konsistenti fi ksur taż-żewġ idejn; minħabba f'hekk dam diversi xhur ma jistax jattendi fuq il-post tax-xogħol tiegħu, eżattament ftit iktar minn sitt (6) xhur – mit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) sal-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) – u dan skont ir-rekord provdut mill-Awtorita' Marittima ta' Malta (maħruġ fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008)).*

*6.14. Minħabba din l-assenza minn fuq il-post tax-xogħol, u skond l-imsemmi rekord provdut mill-Awtorita' Marittima ta' Malta, r-rikorrent sofra loss of wages (tilef qliegħ mill-impjieg tiegħu) fl-ammont ta' disgħa u għoxrin*

*elf, mitejn u tnejn u erbgħin ewro, u tmenin ċenteżmu (€29,242.80), circa l-istess ammont li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali kkalkula skont kif indikat fix-xhieda tas-Sur Mario Portelli, mogħtija fis-sedua tal-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) – għalhekk, dan hu l-ammont li qed jitlob ir-rikorrent f'danni li sofra minħabba l-korriment li ġarrab fl-inċident li għalih hija unikament responsabbli s-soċjeta' intimata."*

**43.** Skont l-attur dan l-ammont jirrapresenta telf ta' qliegħ minħabba li ma attendix għax-xogħol bejn it-2 ta' April 2008 u l-5 ta' Ottubru 2008. Fi ftit kliem, din il-Qorti tifhem li l-Attur qiegħed jitlob danni effettivi konsistenti f'telf ta' ħlas (*damnum emergens*) u mhux telf ta' qliegħ fil-futur (*lucrum cessans*). Jidher li kien proprju għalhekk li l-Attur ma insistiex fuq ħatra ta' espert mediku tal-Qorti biex jeżaminah, għaliex ma kienx ser isir l-eżerċizzju ta' telf fil-futur. Għalhekk din il-Qorti ser tillimita lilha nnifisha għad-*damnum emergens.*

**44.** Mid-dokument datat 14 ta' Novembru 2008 u kif spjegat minn Mario Portelli fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021, it-telf effettiv li għamel l-Attur huwa dak ta' disgħa u għoxrin elf mitejn u tnejn u erbgħin punt tmenin tal-ewro (€29,242.80 (a' fol 336). Issa jirrisulta ukoll li l-Attur irċieva sitt elef erbgħa mija u disgħin (€6,490) minn fond speċjali ta' dawk li jweġġgħu fuq ix-xoghol, ikkalkulat fuq rata flat ta' €37.50 kuljum daqs li kieku l-individwu kien *sick*. Dawn jitħallsu mill-*Pension and Compensation Fund* (a' fol 303 u a' fol 304; ara ukoll fol 310 sa 320, xhieda ta' George Attard mill-Port

workers accounts office). Fir-rigward ta' dan l-aħħar ammont imsemmi fl-ittra tal-14 ta' Ottubru 2008 għal mistoqsija ta' l-Avukat Michele Cardinali jekk l-ammont ta' kumpens li rċieva kienux imnaqqsin ix-xhud wieġeb fil-posittiv (a' fol 351).

**45.** Pero' apparti mis-somma li rċieva mill-*Compensation Fund*, l-Attur irċieva ukoll €3,814 benefiċċju tal-korriment (Ara a' fol 349). Fir-rigward Munkman jikteb li "*If a claimant , as a result of injuries , receives state benefits which are not subject to recoupment provisions…..these may be taken in account in full and set off against the damaged that defendant is liable to pay in Hudgson vs Trapp [1989] Ac 807,[1988] 3 All ER 870, the House of Lords stressed that the aim of damages is to compensate and the courts must be very wary of exceptions which allow double recovery*" (Ara **Munkman on Damages for personal Injuries and Death , 12th ed, LexisNexis pg 169**).

**46.** Għalhekk ġaladarba mix-xhieda tal-imsemmi ma jirrisultax, bħal ma fil-fatt jirrisulta fir-rigward tal-kumpens l-ieħor, li dan l-ammont ukoll ġie imnaqqas, il-Qorti tifhem li dan l-ammont għandu jitnaqqas minn dak li ser tasal għalih il-Qorti u dan anke in ommaġġ tal-*principju tar-restitutio ad integrum.*

**47.** Għalhekk mill-ammont ta' disgħa u għoxrin elf mitejn u tnejn u erbgħin punt tmenin tal-ewro (€29,242.80) għandu jitnaqqas minnu tletin fil-mija (30%) li jġibu għoxrin elf erbgħa mija disgħa u sittin punt disgħa sitta

tal-ewro (€20,469.96) u li minnu jridu jerġgħu jitnaqqsu l-ammont ta' tlett elef tmien mija u erbatax-il ewro (€3,814) (ħlas tas-servizzi soċjali).

**48.** Għalhekk id-danni finali sofferti mill-Attur huma dawk ta' sittax-il elf sitt mija u sitta u ħamsin ewro (€16,656).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lis-Soċjeta' konvenuta responsabbli għall-inċident li fih safa korrut l-Attur waqt li kien qiegħed jaħdem b'inkarigu tal-istess Soċjeta' konvenuta li seħħ fit-2 ta' April 2008 abbord il-vapur *M.V Alianca* li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa u dan sal-grad ta' sebgħin fil-mija (70%).

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' **sittax-il elf sitt mija u sitta u ħamsin ewro (€16,656)**.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra s-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**